IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.8.2017
COM(2017) 425 final

2017/0191 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-proposti ta' standards tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix li jridu jiġu adottati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola (WP.7 tan-NU/KEE) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-attivitajiet li jistabbilixxu l-istandards tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) jitwettqu mill-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola (WP.7) skont il-Fehim ta' Ġinevra dwar l-Istandards ta' tal-Kwalità Agrikola[1].

Id-WP.7 jopera f'konformità mat-termini ta' referenza[2] u mal-proċeduri ta' ħidma[3] tiegħu għall-adozzjoni tal-istandards tal-kwalità agrikola tan-NU/KEE. Il-proposti tal-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE dwar il-frott u l-ħaxix jitħejjew rispettivament mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk u mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin. Imbagħad il-proposti jiġu adottati b'kunsens mid-WP.7 tan-NU/KEE jew jintbagħtu lura biex jiġu diskussi fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati. Dan l-eżerċizzju jsir kull sena.

Il-membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-aġenziji speċjalizzati tan-NU jistgħu jipparteċipaw fix-xogħol tan-NU/KEE dwar l-istandards tal-kwalità agrikola; L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jipparteċipaw b'mod regolari f'dan ix-xogħol. L-Unjoni Ewropea tipparteċipa bħala osservatur fid-WP.7 tan-NU/KEE u fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati tan-NU dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk u tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin.

Fil-livell tal-Unjoni, skont l-Artikoli 75(1) u 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013[4], il-prodotti tas-settur tal-frott u tal-ħaxix li huma maħsuba biex jinbiegħu friski lill-konsumaturi, jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss jekk ikunu konformi mal-istandards applikabbli tal-kummerċjalizzazzjoni, jekk ikunu tajbin, ġusti u ta' kwalità għall-kummerċjalizzazzjoni u jekk ikun indikat il-pajjiż tal-oriġini.

Skont l-Artikolu 75(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi standards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-frott u tal-ħaxix b'att delegat. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011[5] jistipula standards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni għal ċerti prodotti tal-frott u tal-ħaxix. Dawn l-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni huma bbażati fuq l-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE għal dawn il-prodotti.

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula li l-prodotti li mhumiex koperti b'standard speċifiku tal-UE tal-kummerċjalizzazzjoni jitqiesu bħala prodotti li jkunu konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni meta dawn ikunu konformi ma' kwalunkwe standard applikabbli adottat min-NU/KEE. Il-premessa 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula li l-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni li huma stabbiliti għal ċerti prodotti, jenħtieġ li jkunu dawk li huma stabbiliti fl-istandards tan-NU/KEE.

---

1 http://www.unece.org/fileadmin/DAM/trade/agr/AboutUs/GenevaUnderstanding_E.pdf

2 It-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola tan-NU/KEE http://www.unece.org/fileadmin/DAM/trade/agr/AboutUs/ToR_eng.doc

3 Il-Proċeduri ta' Ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola tan-NU/KEE, adottati mill-Grupp ta' Ħidma fl-2010 u emendati fl-2012, http://www.unece.org/fileadmin/DAM/trade/agr/AboutUs/WorkingProcedures_2012_e.doc

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

5 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

L-istandards tan-NU/KEE jiddefinixxu l-livelli minimi ta' kwalità li jipprovdu lingwaġġ komuni biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ ġust, jipprevjenu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u jżidu t-trasparenza fis-swieq. Dawn jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni sostenibbli tal-prodotti agrikoli ta' kwalità, ma jħallux lill-prodotti agrikoli ta' kwalità baxxa jidħlu fis-suq u jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi. B'hekk dawn jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandard tal-frott u tal-ħaxix u se jistabbilixxu qafas li se jiżgura li jkun hemm kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-frott u tal-ħaxix. L-istandards tan-NU/KEE huma żviluppati biex ikunu konformi mal-miri tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)[6].

Qabel ma jiġu adottati mid-WP.7 tan-NU/KEE, il-proposti jiġu diskussi b'mod estensiv bejn l-esperti xjentifiċi u tekniċi tas-settur tal-frott u tal-ħaxix fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni, li fihom jieħdu sehem l-esperti mill-Istati Membri.

Għalhekk, jenħtieġ li l-adozzjoni tagħhom fid-WP.7 tan-NU/KEE tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li jiżguraw il-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-allinjament tagħhom mal-interessi u mal-objettivi fil-qasam tal-politika agrikola. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni jkollha xi tħassib li ma jkunx ġie diskuss fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni jew jekk tkun disponibbli xi informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida, jenħtieġ li jiġi żgurat li dak it-tħassib jiġi diskuss kif imiss qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-proposta fid-WP.7 tan-NU/KEE. Meta għadd suffiċjenti ta' Stati Membri jopponu l-proposta, l-Istati Membri parteċipanti tad-WP.7 tan-NU/KEE għandhom jipposponu d-deċiżjoni u jiżguraw li l-proposta tintbagħat lura għal diskussjoni fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni jew fil-gruppi ta' ħidma ddedikati li fihom jenħtieġ li tinstab soluzzjoni għat-tħassib.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-istandards tan-NU/KEE jiddefinixxu l-livelli minimi ta' kwalità li jipprovdu lingwaġġ komuni biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ ġust, jipprevjenu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u jżidu t-trasparenza fis-swieq. Dawn jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni sostenibbli tal-prodotti agrikoli ta' kwalità, ma jħallux lill-prodotti agrikoli ta' kwalità baxxa jidħlu fis-suq u jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi. B'hekk dawn jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-frott u tal-ħaxix u se jistabbilixxu qafas li jiżgura li jkun hemm kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-frott u tal-ħaxix. L-istandards tan-NU/KEE huma żviluppati biex ikunu konformi mal-miri tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

Kif spjegat hawn fuq, l-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE dwar il-frott u l-ħaxix jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi din il-pożizzjoni tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet u proċeduri ddefiniti.

Ir-rieżami u l-adozzjoni tal-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE huma proċessi kontinwi li jiżguraw li l-istandards ikunu fis-seħħ, ikunu aġġornati u jkunu skont it-tagħrif xjentifiku u tekniku attwali. Għaldaqstant jeħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ proċess li permezz tiegħu l-

[6] Il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, https://www.wto.org/english/docs_e/legal_e/17-tbt_e.htm

pożizzjoni tal-Unjoni tiġi stabbilita għal dan l-għan għal perjodu ta' żmien indefinit. Jenħtieġ li l-laqgħat ta' koordinazzjoni jsiru kull sena qabel l-adozzjoni/ir-rieżami tal-istandards tal-kwalità min-NU/KEE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mal-qafas legali tal-Unjoni dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-frott u għall-ħaxix li ġew stabbiliti fl-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011. Dan jiżgura li l-pożizzjoni tal-Unjoni għall-adozzjoni tal-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE, imsemmija fid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, tiġi stabbilita kif suppost.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija stabbilita bl-istess mod għal diversi organizzazzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu standards li jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards adottati fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikoli 43 u 218(9) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

- **Għażla tal-istrument**

L-ebda strument ieħor mhu disponibbli għal din l-inizjattiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Id-drittijiet fundamentali mhumiex affettwati mill-proposta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni Ewropea se tipparteċipa fil-laqgħa ta' koordinazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill li se tiġi organizzata kif ikun meħtieġ, kull sena qabel il-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

2017/0191 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-proposti ta' standards tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix li jridu jiġu adottati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola (WP.7 tan-NU/KEE) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Grupp ta' Ħidma tal-Istandards tal-Kwalità Agrikola (WP.7 tan-NU/KEE) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti jeżamina u jadotta l-proposti li jistabbilixxu standards ġodda tal-kwalità tan-NU/KEE jew li jemendaw standards eżistenti tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix. Il-proposti jitħejjew minn Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni tan-NU/KEE. Id-WP.7 tan-NU/KEE jadotta l-proposti bil-kunsens tal-membri parteċipanti.

(2) L-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-frott u tal-ħaxix u se jistabbilixxu qafas li jiżgura li jkun hemm kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-frott u tal-ħaxix.

(3) L-Unjoni tipparteċipa bħala osservatur fid-WP.7 tan-NU/KEE u fis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni. L-Istati Membri huma membri tan-NU/KEE u jipparteċipaw fid-WP.7 tan-NU/KEE u fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni. L-Istati Membri, bħala parteċipanti fid-WP.7 tan-NU/KEE, huma intitolati li jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni tal-istandards tal-kwalità agrikola tad-WP.7 tan-NU/KEE.

(4) Skont l-Artikoli 75(1) u 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-prodotti tas-settur tal-frott u tal-ħaxix li huma maħsuba biex jinbiegħu friski lill-konsumaturi, jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss jekk ikunu konformi mal-istandards applikabbli tal-kummerċjalizzazzjoni, jekk ikunu tajbin, ġusti u ta' kwalità għall-kummerċjalizzazzjoni u jekk ikun indikat il-pajjiż tal-oriġini.

(5) Skont l-Artikolu 75(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi standards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-frott u tal-ħaxix b'att delegat. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Nru 543/2011[8] jistipula standards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni għal ċerti prodotti tal-frott u tal-ħaxix. Dawn l-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni huma bbażati fuq l-istandards tal-kwalità tan-NU/KEE għal dawn il-prodotti.

(6) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, il-frott u l-ħaxix li mhumiex koperti bi standard speċifiku tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom ikunu konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni li huwa stabbilit fil-Parti A tal-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Il-prodotti li jkunu konformi ma' kwalunkwe standard applikabbli ta' kummerċjalizzazzjoni adottat min-NU/KEE jitqiesu bħala prodotti li jkunu konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni.

(7) Peress li l-istandards tal-kwalità agrikola tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fid-WP.7 tan-NU/KEE fir-rigward ta' dawn l-istandards tal-kwalità.

(8) Il-proposti għal standards tal-kwalità li jitħejjew mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix u mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin jiġu diskussi b'mod estensiv bejn l-esperti xjentifiċi u tekniċi tas-settur tal-frott u tal-ħaxix. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-proposti jiġu appoġġati f'isem l-Unjoni mill-Istati Membri, diment li jkunu fl-interess tal-Unjoni u ma jmorrux kontra d-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u sakemm tiġi segwita proċedura li tkun ġiet stabbilita għal dak l-għan.

(9) Meta l-Kummissjoni jkollha tħassib li ma jkunx ġie diskuss fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni jew meta tfeġġ xi informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida qabel jew matul il-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE, jenħtieġ li l-adozzjoni tal-proposta tiġi posposta u jenħtieġ li l-proposta tintbagħat lura għal iktar diskussjoni fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni, sakemm dan it-tħassib jew din l-informazzjoni ġdida tkun ġiet diskussa kif imiss.

(10) Meta għadd suffiċjenti ta' Stati Membri jikkostitwixxu minoranza li timblokka l-proposta skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 238(3)(a) tat-Trattat u jopponuha, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti tal-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE jipposponu d-deċiżjoni u jkomplu d-diskussjonijiet fis-sezzjonijiet speċjalizzati jew fil-gruppi ta' ħidma.

(11) Sabiex ikun hemm il-flessibbiltà meħtieġa waqt id-diskussjonijiet ta' qabel il-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE u waqt id-diskussjonijiet li jsiru fiha, jenħtieġ li l-Istati Membri, wara li jkunu infurmaw lill-Kummissjoni, ikunu awtorizzati li jaċċettaw li jsiru bidliet fil-proposti, diment li dawn il-bidliet ma jbiddlux is-sustanza tal-proposti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Meta d-WP.7 tan-NU/KEE jissejjaħ biex jistabbilixxi standards ġodda tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix jew biex jiġu emendati l-istandards eżistenti tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix, l-Istati Membri li jipparteċipaw fid-WP.7 tan-NU/KEE, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni Ewropea, għandhom jaċċettaw li jsiru

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat, (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

proposti li jkunu tħejjew mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk u mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin jew li jiġu emendati l-istandards eżistenti tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2 u bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istandards il-ġodda tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix jew il-bidliet fl-istandards eżistenti tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix ikunu fl-interess tal-Unjoni u jaqdu l-objettivi li trid tilħaq l-Unjoni fil-qafas tal-politika agrikola tagħha; u

(b) l-istandards il-ġodda tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix jew il-bidliet fl-istandards eżistenti tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix ma jmorrux kontra d-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari ma jmorrux kontra r-Regolament (UE) Nru 1308/2013, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tadatta r-regoli tal-Unjoni b'att delegat, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-frott u għall-ħaxix, imsemmija fl-Artikolu 75 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Sabiex tiġi ddefinita l-pożizzjoni tal-Unjoni u kif l-Istati Membri għandhom jimplimentawha f'materji msemmija fl-Artikolu 1, għandha ssir laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill biżżejjed qabel il-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE.

2. B'deroga mill-Artikolu 1, meta l-Kummissjoni tikkomunika tħassib partikolari marbut ma' proposta tas-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk jew tas-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 1 u meta dak it-tħassib ma jkunx ġie diskuss f'waħda mis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jitolbu li d-deċiżjoni dwar dik il-proposta fid-WP.7 tan-NU/KEE tiġi posposta sakemm dak it-tħassib ikun ġie diskuss kif imiss fis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 1, meta proposta mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk jew mis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin x'aktarx li tkun se tiġi affettwata minn xi informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li tkun feġġet wara l-laqgħa msemmija fil-paragrafu 1 iżda xorta waħda qabel jew waqt il-laqgħa tad-WP.7 tan-NU/KEE, l-Istati Membri parteċipanti tad-WP.7 tan-NU/KEE għandhom jitolbu li d-deċiżjoni dwar dik il-proposta fid-WP.7 tan-NU/KEE tiġi posposta sakemm dik il-proposta tkun ġiet diskussa fis-Sezzjonijiet Speċjalizzati dwar l-Istandardizzazzjoni abbażi ta' dik l-informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida.

4. B'deroga mill-Artikolu 1, jekk għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka stabbilita bit-tieni paragrafu tal-Artikolu 238(3)(a) tat-Trattat jopponu proposta għal standards ġodda tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix jew emenda għall-istandards eżistenti tal-kwalità tan-NU/KEE għall-frott u għall-ħaxix fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill, l-Istati Membri li jipparteċipaw fid-WP.7 tan-NU/KEE għandhom jipposponu d-deċiżjoni u jkomplu d-diskussjonijiet fis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Frott u tal-Ħaxix Frisk jew

fis-Sezzjoni Speċjalizzata dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti Mnixxfin u Mqaddin jew fi grupp ta' ħidma stabbilit għal dak l-għan.

Artikolu 3

L-Istati Membri li jipparteċipaw fid-WP.7 tan-NU/KEE, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni Ewropea, u wara li jkunu infurmaw lill-Kummissjoni, jistgħu jaqblu li jsiru bidliet żgħar fil-proposti tal-istandards tal-kwalità għall-frott u għall-ħaxix fid-WP.7 tan-NU/KEE li ma jbiddlux is-sustanza ta' dawn il-proposti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President